**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 502/22 AL

A B

vs

C D sive' C B

(M.R. Numru 2079/1994)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-kontendenti zzewgu gewwa Malta fit-30 ta' Ottubru 1994 u dana skond kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg. (Dok A)

2. Illi sussegwentament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Ottubru 2016 in atti tan-Nutar Dorianne Arapa, (Dok B).

3. Illi l-kontendenti għandhom zewg it-tfal li huma maggorenni  l' fuq minn tlieta u ghoxrin sena u t-tnejn jahdmu.

4. Illi ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment fil-konfront ta' xulxin personalment.

5. Illi l-esponent jixtieq li jikseb id-divorzji mill-intimata u għalhekk inbdew dawn il-proceduri.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti w dana ai termini tal-artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal Ligijiet ta' Malta w taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 t'Ottubru 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritrx ghal dawn il-procedurita;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-7 ta' Ottubru 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.